**Tiġinix bil-paroli!**

Tiġinix bil-paroli!
Għadni niftakru kliemek,
Meta ippruvajt għal waqt
Inħares lejk u nkellmek.

Sewwa sew f'dik il-għodwa
Rajtek, ħassejtek mitluf,
Ħadt ċans biex forsi nfehmek
Imma xorta bqajt mifxul.

Kelma nixtieq ingħidlek
U biex niftaħlek għajnejk,
Naf li qalbek miftuħa
U kemm nies bil-wisq ħabbejt:

Ħabib, toffendix ruħek
Meta xi ħadd jistaqsik,
Miegħek irid jitkellem
U mhux biex jgħaddi ż-żmien bik.

Iħobbok min iħeġġek
taħseb fuq li jgħidulek,
Tassew li jridek tikber
Ma tinġarrx b'li jpasprulek!

Kuraġġ ħabib! Kun ragel!
Tgħallem! Żomm rasek fl-għoli!
Ibda' staqsi kull ħaġa
B'hekk tevita l-paroli!

Int persuna b'dinjità
Imbierka fuq l-art jiemek,
Kun għaqli u tħalli 'l ħadd
Imexxik minn imnieħrek!

Patri Mario Attard OFM Cap
14 ta' Novembru 2021

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.